**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Mejju, 2001

**Numru 7**

**Avviz. numru 161/01JR**

**Leslie Grech bhala managing partner tas-socjeta` en nom collectiv Field Estates**

**vs**

**Dottor Charles Mangion u Carmen Mangion bhala rapprezentanti gudizzjarji ta' Kappara Properties Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlieta u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm53.90), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenut xtara plot 115 ta' Binkatu, Wied il-Ghajn, fit-2 t'Awissu, 1990. Ghalkemm huwa ttrasferixxa dan il-plot il-kompratur ma giex rikonoxxut u ghalhekk skond l-Art.1509(1) tal-Kodici Civili l-konvenut baqa' responsabbli ghall-hlas tac-cens. L-ammont dovut lill-attur huwa ta' hames liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm5.39) fis-sena u l-ahhar pagament kien ghas-sena 1991.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma derhu.**

**Semgha x-xhieda ta' l-attur Leslie Grech attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta' tlieta u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm53.90).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**